**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors Nru : 14/16 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-guframent mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, R, li ghadu minuri;

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kutnratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dottor Nicholas B datat hmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (15.07.2004) (hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A") u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet datat hmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (15.07.2004);

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi qeghdin jigu rrispettati miz-zewg partijiet;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkkonfermati fl-affidavit tal-esponenti, liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok "B", jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-esponenti ghandha wkoll interess sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha, u cioe ghall-kunjom S;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din il-Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku;
3. Tiddikjara li A B tirriveri ghal kunjom xbubitha, cioe S;
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din il-Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra l-bidla fil-kunjom tal-esponenti ghal kunjom xbubitha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Lulju 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.